**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tat-30 ta' Novembru 2015

Talba Numru: 816/2015

Numru fuq il-Lista: 24

**GO p.l.c.**

**vs.**

**Rita Mifsud K.I. 199575 (M)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-8 t'Ottubru 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenuta il-ħlas tas-somma ta' tmien mija u tmienja u tletin Ewro u żewġ ċenteżmi (€838.02) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' telefonija u televiżjoni bil-kontijiet numru *A/C 40101317 u A/C 40154183* mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi, iżda dehret għas-seduta miżmuma mit-Tribunal fis-26 ta' Novembru 2015.

Ra illi l-konvenuta xehdet fis-seduta tas 26 ta' Novembru 2015, fejn hija ammettiet it-talba attriċi kif dedotta u kkonfermat li għandha tħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' tmien mija u tmienja u tletin Ewro u żewġ ċenteżmi (€838.02).

Ra illi l-partijiet fl-istess seduta ftehmu illi l-ammont kollu dovut għandu jitħallas mill-konvenuta lis-soċjeta` attriċi f'pagamenti mensili ta' mitt Ewro (€100) kull xahar, u li jekk il-konvenuta taqbeż xi pagament, hija titlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

It-Tribunal spjega lill-konvenuta l-effett tal-ammissjoni tagħha kif ukoll tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet u ddifferixxa it-talba għas-sentenza għas-seduta odjerna.

**Deċide**

Għaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' tmien mija u tmienja u tletin Ewro u żewġ ċenteżmi (€838.02), liema somma għandha titħallas fl-ammont ta' mitt Ewro (€100) kull xahar. Jekk il-konvenuta taqbeż xi pagament, hija titlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih. L-imgħax legali jiddekorri mid-data ta' kwalsiasi pagament illi ma jsirx, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuta.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur